

**KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT****Ekaterina ZAHARIEVA****In-Negozji Ġodda, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

*Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?*

*Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?*

*Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu?*

Inħossni tassew onorata li jiena kandidata għall-pożizzjoni ta' Membru tal-Kummissjoni Ewropea, immexxija mill-President von der Leyen. Fil-bidu tal-perkors professjonali tiegħi, kont ħdimt bla heda għall-adeżjoni ta' pajjiżi, il-Bulgarija, mal-Unjoni Ewropea. Meta sirna parti mill-Unjoni, dejjem ippruvajt nikkontribwixxi għal familja Ewropea b'saħħitha u magħquda li għandha l-post li jistħoqqilha fid-dinja. Peress li għext parti minn tfuliti taħt reġim totalitarju, naf sew xi jsarrfu l-valuri li jirfdu d-demokrazija Ewropea tagħna u jien se niddefendihom dejjem.

Wara li ksibt il-lawrja fil-liġi, għamilt sentejn naħdem bħala avukat qabel ma ngħaqadt mal-amministrazzjoni Bulgara fejn qattajt kważi 7 snin naħdem bħala Konsulent Legali u Direttur fil-Ministeru tal-Ambjent u tal-Ilma. Imbagħad dħalt fil-politika fejn, fuq perjodu ta' 15-il sena, okkupajt il-kariga ta' viċi Ministru għall-Iżvilupp Reġjonali imbagħad dik ta' Kap tal-Kabinett u Segretarju Ġenerali tal-President tar-Repubblika. Bħala Viċi Ministru għall-Iżvilupp Reġjonali mexxejt ukoll il-politika reġjonali u ta' koeżjoni.

Sussegwentement sirt Viċi Prim Ministru għall-Politika Ekonomika u Ministru għall-Iżvilupp Reġjonali u x-Xogħlijiet Pubbliċi, Ministru tal-Ġustizzja u finalment Viċi Prim Ministru għar-Riforma tas-Sistema Ġudizzjarja u Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Bulgarija. Fl-2018, il-Bulgarija kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin, ippresedejt il-Kunsill Affarijiet Ġenerali u pparteċipajt f'laqgħat mal-Parlament Ewropew. Bis-saħħa t'hekk ksibt esperjenza unika li għenitni nibda nħares lejn dossiers importanti minn perspettiva Ewropea usa', kif ukoll nippromwovi l-interess ġenerali Ewropew.

Bħala Segretarju Ġenerali u Ministru, kelli r-responsabbiltà politika u maniġerjali ta' strutturi amministrattivi kbar. Dan jgħin ħafna peress li, jekk niġi kkonfermata, se nkun inkarigata mis-sorveljanza politika ta' żewġ Direttorati Ġenerali kbar (id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka).

Il-pożizzjoni reċenti tiegħi bħala Membru tal-Parlament Bulgaru għenitni wkoll nikseb fehim profund tal-ħidma parlamentari. Dan se jgħinni nikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew.

Fiduċjuża li dan l-isfond wiesa' — ta' esperjenza amministrattiva u politika fl-ogħla livell — se jgħammarni sew biex nindirizza l-kompiti li se jkollu bħala Kummissarju Ewropew.

*Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni?*

Il-prosperità u l-kompetittività sostenibbli jinsabu fiċ-ċentru tal-linji gwida politiċi tal-President von der Leyen, bl-ambizzjoni li r-riċerka u l-innovazzjoni jittqiegħdu fil-qalba tal-ekonomija tal-Ewropa. Ir-rapport reċenti ta' Mario Draghi dwar il-kompetittività tal-UE joffri kemm analiżi siewja ħafna tan-nuqqasijiet attwali tal-politika tal-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll aġenda ta' riforma.

Hemm momentum qawwi fir-rigward tal-politika Ewropea tar-riċerka u tal-innovazzjoni. L-ittra ta' missjoni tiegħi tagħti aktar dettalji dwar diversi elementi ta' riforma u jien biħsiebni nimplimentahom bis-sħiħ kollha kemm huma. Waħda mill-prijoritajiet ewlenin se tkun l-iżvilupp tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jmiss. Se naħdem biex inżidu l-infiq tagħna fir-riċerka, f'konformità mal-Linji Gwida Politiċi. Se nimmira wkoll għas-simplifikazzjoni u se niffoka l-programm qafas fejn huwa l-aktar importanti u fejn għandu l-ogħla valur miżjud Ewropew, filwaqt li nqis ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport ta' Draghi. Lesta li naqdi rwol kritiku f'din l-ambizzjoni, filwaqt li navvanza l-progress xjentifiku u teknoloġiku tal-UE, mir-riċerka bażika sal-innovazzjoni applikata. Ir-riċerka u l-innovazzjoni jridu jsiru parti dejjem akbar mill-vantaġġ kompetittiv tagħna fl-ekonomija globali tal-lum il-ġurnata.

*Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek?*

L-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fir-rigward tar-R&I jkun prijorità ewlenija tal-mandat tiegħi. Dan mhuwix biss imperattiv morali, iżda neċessarju biex jiġi sfruttat it-talent kollu. Personalment għandi rekord li jixhed li jien, bħala Ministru, ħdimt favur il-promozzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet għolja fil-ministeri li kont responsabbli minnhom.

Se nkun nista' nkompli nibni fuq il-progress miksub s'issa, b'mod partikolari permezz taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa. Madankollu, għad hemm differenza kbira bejn il-ġeneri fir-riċerka, fl-innovazzjoni u b'mod partikolari fin-negozji l-ġodda. Għalhekk, se nikkontribwixxi għall-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2025, u speċifikament għall-isforzi biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Se naħdmu biex nintegraw aktar id-dimensjonijiet tal-ġeneru fi proġetti ffinanzjati u biex niżguraw monitoraġġ effettiv ħalli jiġi segwit il-progress, filwaqt li niżguraw li ma mmorrux lura. Biħsiebni nappoġġa wkoll ir-riċerka dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-intersezzjoni tagħha ma' kategoriji soċjali oħra. Fl-aħħar nett, kieku niżgura wkoll li tiġi inkluża dimensjoni tal-ġeneru fl-istrateġija tal-UE għan-negozji l-ġodda u għan-negozji li qed jespandu, filwaqt li nuża l-istrumenti kollha disponibbli biex l-innovaturi nisa jingħataw l-appoġġ.

Se niżgura wkoll li fit-tim tiegħi jkun hemm bilanċ bejn il-ġeneri.

*Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?*

L-appoġġ għaż-żgħażaġh huwa fokus ewlieni tal-politika tar-R&I u se jkun prijorità importanti għall-mandat tiegħi, jekk niġi kkonfermata. Kull sena se norganizza Djalogi ta' Politika maż-Żgħażaġħ, li se jibdeu fl-ewwel 100 jum, sabiex nagħti widen lill-ħtiġijiet taċ-ċittadini żgħażaġh u b'mod partikolari tar-riċerkaturi żgħażaġh.

Fil-kuntest taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, nimpjenja ruħi li nsahħa il-komponent taż-żgħażaġh biex jittejjb l-mobbiltà, l-iżvilupp tal-karriera, u l-kundizzjonijiet tal-impjieg għar-riċerkaturi, b'mod partikolari dawk li għadhom fil-bidu tal-karriera tagħhom. L-Att futur dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Pjattaforma tat-Talenti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka se jkun partikolarment rilevanti f'dan il-kuntest. B'mod parallel, qed nippjana wkoll li nkompli nappoġġa lir-riċerkaturi żgħażaġh madwar l-Ewropa kollha bis-saħħa ta' diversi programmi. Fost l-eżempji nsibu l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie għall-edukazzjoni dottorali u għat-taħriġ postdottorali, il-Konkors tal-UE għax-Xjenzjati Żgħażaġħ (EUCYS, EU Contest for Young Scientists), u t-TalentOn tal-UE, li jistiednu lix-xjenzjati ta' bejn il-21 u l-35 sena jikkontribwixxu ideat innovattivi dwar kwistjonijiet kritiċi għall-Unjoni.

*Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaq, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?*

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, nimpenja ruħi li nkompli nikkonforma bla heda mal-obbligi tat-Trattat dwar l-indipendenza, it-trasparenza, l-imparzjalità u d-disponibbiltà, kif stipulat fl-Artikolu 17(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Se nirrispetta bis-sħiħ l-ittra u l-ispirtu tat-Trattat, b'mod partikolari l-obbligu li naġixxi fl-interess Ewropew mingħajr ma nieħu struzzjonijiet mingħand l-ebda gvern, istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità. Se nonora l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-kunflitti ta' interess. Id-Dikjarazzjoni tal-Interessi tiegħi hija kompluta u aċċessibbli għall-pubbliku u, kif għamilt matul il-mandat li għadda, jekk tkun meħtieġa xi bidla se naġġornaha mill-iktar fis.

## **2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew**

*Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?*

*Liema impenji speċifiċi lesta li tiegħu fir-rigward tal-involvement u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizzjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizzjattivi pjanati jew il-proċeduri attwali, lesta tipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?*

Minħabba l-esperjenza tiegħi bħala Membru tal-Parlament Bulgaru u bħala Ministru, għaliya l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea hija kruċjali. Matul l-erba' termini ministerjali suċċessivi tiegħi fil-Bulgarija, dejjem infurmajt regolarment lill-Parlament nazzjonali dwar l-inizzjattivi tiegħi u kont inqis lill-Membri tiegħu bħala sħab essenzjali għat-tfassil tal-politiki. Nimpenja ruħi bis-sħiħ li ninforma lill-Parlament Ewropew, kif xieraq u regolarment, dwar l-azzjonijiet tiegħi u tad-dipartimenti tiegħi.

Se naħdem f'konformità mal-prinċipji ta' gwida li jippermettu kooperazzjoni interistituzzjonali effettiva u sistema tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE effiċjenti u leġittima. Dawn jinkludu l-ftuħ, il-fiduċja reċiproka, l-effiċjenza u l-iskambju regolari tal-informazzjoni. Naqbel kompletament mal-Linji Gwida Politiċi u l-Ittri ta' Missjoni tal-President elett, li jirriflettu bis-sħiħ dawn il-prinċipji, u mal-intenzjoni li tissaħħaħ is-sħubija speċjali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Se naġmel ħilti kollha biex inħares dawn il-prinċipji, u b'hekk inkun qed nirrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tal-2016 u tal-Ftehim Qafas.

Nimpenja ruħi li nieħu sehem f'kull dibattitu plenarju, f'kull laqgħa tal-kumitati u f'kull trilogu rilevanti. Se niżgura li l-Kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew ikunu involuti f'kull żvilupp ewlieni li nkun responsabbli minnu jien, u se niżgura wkoll trattament ugwali tal-Parlament u tal-Kunsill bħala koleġiżlaturi. Speċifikament, se niżgura trasparenza sħiħa fil-fluss regolari tal-informazzjoni mal-President tal-kumitati parlamentari rilevanti, se nikkomunika direttament mal-membri tal-kumitati, u se niżgura li nkun disponibbli għal-laqgħat bilaterali. Se niżgura wkoll li l-mistoqsijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew indirizzati lill-Kummissjoni li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi jitwiegħbu malajr u b'mod preċiż. Se nkun qiegħda nidher quddiem il-plenarja u l-Kumitati tal-Parlament Ewropew kull meta nissejjaħ biex inwiegħeb xi mistoqsija jew biex nipprovdi xi tweġiba partikolari.

Bħala parti mill-impenn tal-Kulleġġ tal-Kummissarji li jmiss, li jimplementa, flimkien mal-Parlament Ewropew, il-Linji Gwida Politiċi, se naħdem id f'id mal-Parlament f'kull stadju fid-dibattitu tar-riżoluzzjonijiet skont l-Artikolu 225 tat-TFUE, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet.

## Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

*3. X'inhil-viżjoni tiegħek għall-portafoll tiegħek lil hinn mill-ittra ta' missjoni tiegħek u kif tixtieq li jkun il-legat tiegħek? Xi proposti leġiżlattivi u inizjattivi oħra se tisuġġerixxi lill-Kulleġġ tal-Kummissarji għall-adozzjoni fil-ħames snin li ġejjin u b'mod partikolari fl-ewwel 100 jum? Kif se tiżgura li dawn il-proposti, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti, isaħħu l-kompetittività Ewropea? Biħsiebek tibbaża dawkl il-proposti leġiżlattivi fuq valutazzjonijiet tal-impatt apposta?*

It-tqegħid tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-qalba tal-ekonomija tal-Ewropa huwa pilastru tal-Linji Gwida Politiċi tal-President elett. Kemm ir-rapport ta' Draghi kif ukoll dak ta' Letta kienu fatturi ewlenin biex jissaħħu b'mod sinifikanti fil-livell tal-UE l-kundizzjonijiet ta' finanzjament għar-riċerka, għall-innovazzjoni u għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu fil-livell tal-UE. Il-viżjoni tiegħi għall-portafoll tar-R&I hija li napprofitta ruħi minn dan il-progress biex jissaħħu kemm id-dimensjonijiet tar-Riċerka kif ukoll tal-Innovazzjoni. L-infiq fir-riċerka se jkun wieħed mill-oqsma ewlenin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u tal-Programm Qafas li jmiss, biex jiġi żgurat li nħaffu l-innovazzjoni u nsaħħu l-kompetittività tagħna.

Jekk niġi kkonfermata, għandi f'moħħi li nġin fil-ħolqien ta' Unjoni Ewropea u awtentika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni permezz ta' għadd ta' inizjattivi importanti fil-5 snin li ġejjin.

Fir-rigward tar-riċerka fundamentali u applikata, fil-perjodu baġitarju li jmiss se naħdem biex nespani l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, sabiex dawn jibdeu jiffukaw aktar fuq il-prijoritajiet strateġiċi, fuq ir-riċerka fundamentali rivoluzzjonarja u l-innovazzjoni fixkiela, u fuq l-eċċellenza xjentifika. Fil-qalba tal-isforzi tiegħi biex inrawwem il-moviment liberu tar-riċerkaturi, tal-għarfien xjentifiku u tat-teknoloġija se jkun hemm Att ġdid dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Dan se jindirizza l-frammentazzjoni tar-riċerka u se jagħmel iż-Żona Ewropea tar-Riċerka aktar attraenti, bi prijoritajiet tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni aktar allinjati. Se jappoġġa l-mira ta' investiment ta' 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp, se jippromwovi r-riformi tas-sistemi nazzjonali tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u se jsaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, se jindirizza l-iżvilupp tal-ħiliet u l-karrieri fir-riċerka biex jattira u jppreserva t-talent, kif ukoll il-libertà tar-riċerka xjentifika. Fl-aħħar nett, Strateġija Ewropea dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka se tindirizza l-aċċessibilità, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-infrastrutturi tagħna biex ir-riċerkaturi jkunu jistgħu jittestjaw u jżviluppaw l-ideat tagħhom.

Fir-rigward tal-innovazzjoni, se nipproponi strateġija tal-UE għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu u Att Ewropew għall-Innovazzjoni sabiex jiġi pprovdut l-ambjent it-tajeb biex in-negozji l-ġodda tagħna jikbru. Dawn se jindirizzaw l-ostrukli legali u l-piż amministrattiv bis-saħħa ta' status legali rikonoxxut fl-UE kollha għan-negozji ġodda u għall-kumpaniji innovattivi ("it-28 reġim"). Il-pjan tiegħi huwa li nespani l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex inkompli ntejjeb l-appoġġ għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu f'oqsma strateġiċi, pereżempju l-kwantum, l-intelliġenza artifiċjali, il-bijoteknoloġija, il-materjali avvanzati u l-ispazju. Dan se jibbenefika wkoll minn koinvestment privat. Il-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni diġà jimmobilizza ammonti sostanzjali ta' investiment ta' kapital ta' riskju privat. Madankollu, f'konformità mal-konklużjonijiet tar-rapport ta' Draghi, jeħtieġ isir aktar sforz biex jiġi stimulat il-finanzjament tal-innovazzjoni b'potenzjal għoli ta' tkabbir u l-investment privat fir-Riċerka u l-Innovazzjoni. In-Network ta' Investituri ta' Fiducia se jaqdi rwol ewleni fl-iżvilupp tal-ekosistema tagħna ta' investituri fil-kapital ta' riskju, kif ukoll fil-mobilizzazzjoni ta' investituri privati biex jikkoinvestu u jgħinu lill-aqwa kumpaniji tagħna jespandu. Fl-ewwel xhur tal-mandat tiegħi, fi ħdan il-Kummissjoni se tinholq Taskforce għan-Negozji ġodda biex tikkoordina l-isforzi f'dan il-qasam. Fl-ewwel nofs tal-2025 se norganizza forum Ewropew ġdid għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu biex ninvolvi lill-partijiet ikkonċernati esterni u lill-fundaturi tan-negozji l-ġodda.

Se navvanza l-ħidma li tallinja r-riċerka, l-innovazzjoni industrijali, u l-investment biex jiġu ssodisfati d-domandi teknoloġiċi u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi. Se nressaq strateġija biex inżid u niggwida l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fix-xjenza. Sabiex inkompli nappoġġa tranżizzjoni ekoloġika u diġitali li sseħħ aktar malajr, se ninvolvi ruħi wkoll mal-atturi rilevanti biex niżviluppa Strateġija għax-Xjenzi tal-Ħajja Ewropej, li se tkopri wkoll il-bijoteknoloġija. Se nipproponi wkoll azzjonijiet immirati għas-setturi kritiċi u se nippreżenta Att dwar il-Materjali Avvanzati, li jappoġġa l-manifattura u l-użu tal-materjali avvanzati fl-Ewropa. Se nipproponi wkoll pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni tan-nisa fis-sistema tar-riċerka, tal-innovazzjoni u tan-negozji ġodda/li qed jespandu.

Sabiex niżgura li dawn l-inizjattivi jsaħħu l-kompetittività tal-UE, se nibni fuq l-analiżi tar-rapport ta' Draghi. L-għan tiegħi se jkun li nindirizza d-diskrepanza fl-investment enfasizzata fih, li hija ta' aktar minn €120 biljun fis-sena. Se nappoġġa l-mira ta' 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp billi nimmobilizza l-kapital privat, anke permezz ta' sħubijiet Ewropej. Se naħdem biex intejjeb il-metodi ta' monitoraġġ, ta' gwida u ta' koordinazzjoni biex

niggarantixxi baġits u riformi nazżjonali sodi għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, fosthom permezz tas-Semestru Ewropew. Dan jista' jissaħħa permezz tal-Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Fl-aħħar nett, se niffoka fuq il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu, fuq il-promozzjoni tal-valorizzazzjoni tal-għarfien u fuq il-kollaborazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika.

Fl-implimentazzjoni tal-ħidma tiegħi, se nadotta approċċ ta' tfassil tal-politika inklużiv u bbażat fuq l-evidenza. Il-proposti li se nipromwovi se jkunu konformi mal-istandards applikabbli ta' regolamentazzjoni aħjar. Barra minn hekk, fl-ewwel 100 jum tal-mandat se norganizza Djalogo ta' Politika maż-Żgħażaġħ.

*4. X'tipprevedi għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka, għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u dwar kif dawn jorbtu mal-Att Ewropew għall-Innovazzjoni?*

Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, biħsiebni nindirizza l-frammentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Minkejja l-progress li nkiseb f'dawn l-aħħar 4 snin, jeħtieġ isir ħafna aktar sforz sabiex tinħoloq Unjoni Ewropea u awtentika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Jekk niġi kkonfermata, se nindirizza l-investimenti baxxi wisq fir-riċerka u l-iżvilupp, li huma ferm inqas mill-mira ta' investment ta' 3 % tal-PDG, u l-koordinazzjoni insuffiċjenti tas-sistemi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Istati Membri. Qed nipjana li nagħmel dan permezz tal-Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka, li se jipproponi standards minimi biex jittejbu l-karrieri fir-riċerka u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dan se jiżgura l-mobbiltà tat-talenti fl-Ewropa b'opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa u se jrawwem prattiki tax-xjenza miftuħa. F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Jannar 2024, il-libertà tar-riċerka xjentifika se tkun element fundamentali tal-Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

L-Att Ewropew għall-Innovazzjoni, li jikkomplementa l-Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka, se jappoġġa s-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju tagħna, jaċċellera l-implimentazzjoni tal-innovazzjoni, jiffaċilita l-aċċess għall-kapital ta' riskju u jappoġġa l-ittejtjar tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu, pereżempju b'"ambjenti ta' esperimentazzjoni". Se jappoġġa lil dawk kollha li huma lesti li jsiru intraprendituri u li jiksibu suċċess fl-Ewropa, ikunu xi jkunu s-setturi ta' attività jew il-bażi teknoloġika tagħhom, filwaqt li jiddedika attenzjoni speċifika għan-nisa. Flimkien mal-iżvilupp ta' Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti li tinkludi l-Unjoni tas-Swieq Kapitali kif ukoll l-Unjoni Bankarja, dan l-Att ikun pass rivoluzzjonarju għall-Ewropa billi jgħin lill-innovazzjonijiet tagħna jilhq u s-suq fuq skala kbira, u jkabbar il-valur kemm tal-ekonomija kif ukoll tas-soċjetà. Barra minn hekk, se jipromwovi l-użu ta' għodod innovattivi bħall-akkwist ta' innovazzjoni. Dan l-Att se jiġi żviluppat f'sinerġija mat-28 reġim ta' status legali rikonoxxut fl-UE kollha għall-kumpaniji innovattivi.

Jekk niġi kkonfermata, qed nipjana li nespani l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, li wrew il-valur miżjud tagħhom. Bis-saħħa tal-awtonomija tiegħu, li nimpenja ruħi li nissalvagwardja, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka jrawwem riċerka bażika u riċerka fil-fruntieri tal-għarfien ibbażati fuq l-eċċellenza biex jiġu indirizzati l-isfidi l-aktar urġenti tal-bniedem. B'mod parallel mat-tisħiħ tal-bażi xjentifika tagħna, l-innovazzjoni fixkiela jeħtieġ tissaħħa u tiġi estiża. Il-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni diġà huwa l-aktar investitur attiv ta' negozji ġodda tat-teknoloġija profonda fl-Ewropa, u jimmobilizza aktar minn erba' euro għal kull euro investit. Madankollu, jeħtieġ isir aktar sforz: Jekk niġi kkonfermata, se nsahha sew l-attenzjoni fuq l-investimenti ta' riskju għoli, mir-riċerka fi stadju bikri għad-dimostrazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq, filwaqt li se niddedika attenzjoni partikolari għat-teknoloġiji strateġiċi ewlenin għall-kompetittività tal-UE. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni riformat se jiddedika attenzjoni partikolari għat-tisħiħ tal-finanzjament u tal-appoġġ għall-investimenti fin-negozji li qed jespandu. Se nesplora l-possibiltajiet ta' kooperazzjoni aktar intensiva u aktar strateġika mal-Bank Ewropew tal-Investment u se niżgura li nimmassimizzaw is-sinerġiji tal-istrumenti rispettivi tagħna.

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, flimkien mal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tiegħu, li jgħaqqad lill-universitajiet, lill-istituzzjonijiet tar-riċerka, u lis-sħab tal-industrija, huwa wieħed mill-istrumenti ta' innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa. Abbażi tat-triangolu tal-għarfien, dan iqis l-educazzjoni u t-taħriġ fil-proċess tal-innovazzjoni biex jiżgura li l-istudenti b'mentalità intraprenditorjali, ir-riċerkaturi u l-innovaturi jilhq u s-suq tax-xogħol u li l-ħiliet tal-forza tax-xogħol attwali jittejbu u jiġġeddu skont il-ħtiġijiet tal-industrija fis-setturi ta' prijorità. Kellu wkoll rwol ewleni fl-implimentazzjoni ta' bosta akkademji għall-ħiliet, fosthom dawk stabbiliti mill-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti.

Jekk niġi kkonfermata, se nesplora modi kif nissimplifika aktar il-missjoni tiegħu, intejjeb is-sinerġiji mal-istrumenti l-oħra tal-innovazzjoni, insahha it-trasparenza u nespani l-attenzjoni prinċipali tiegħu fuq it-trawwim tat-talenti emerġenti u l-iżvilupp ta' ħiliet intraprenditorjali. Il-ħidma tiegħu fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet tista' twassal għal sinerġiji ma' inizjattivi bħal-lawrja Ewropea settorjali, b'hekk tagħti spinta lill-iżvilupp u r-

rikonoxximent ta' programmi tranżnazzjonali, għall-benefiċċju wkoll tar-riċerkaturi li jaħdmu fl-edukazzjoni għolja. Sabiex jinkisbu dawn l-oġġettivi, se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza biex niżviluppa approċċ konġunt bejn flussi ta' ħidma differenti fil-qafas strateġiku tal-Unjoni tal-Ħiliet.

Skont ir-rapport ta' Draghi, il-promozzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-livelli kollha se tkun element ewlieni fl-aġenda tal-kompetittività tal-UE fis-snin li ġejjin, u jien impenjata li nikkontribwixxi bis-sħiħ għal din il-ħidma. Fir-rigward tal-Kunsill Ewropew il-ġdid għar-Riċerka dwar l-IA, kif imsemmi fl-ittra ta' missjoni tiegħi, se naħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija u ma' Kummissarji oħra. Dan se jkun element ta' implimentazzjoni ewlieni tal-istrateġija tagħna li niggwidaw l-adozzjoni tal-IA fix-xjenza u ninkoraġixxu l-iżvilupp tal-ħiliet, f'komplementarjetà mal-pakkett dwar l-innovazzjoni fl-IA u mal-Uffiċċju għall-IA. Permezz tal-ġbir tar-riżorsi u tal-inċentivar tal-kollaborazzjoni pubblika-privata, il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar l-IA se jibni l-massa kritika meħtieġa biex jippreserva l-vantaġġ xjentifiku tagħna fl-era tal-IA. B'mod parallel, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni se jkomplu jappoġġaw ir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien kif ukoll l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji fl-IA u dawk miksuba bis-saħħa tal-IA b'mod ġenerali, u l-kontribut tagħhom se jitqies bis-sħiħ fl-iżvilupp tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar l-IA. Konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati se tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar l-IA.

*5. X'tara li hu l-għan ewlieni tal-programmi qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-valur miżjud tal-finanzjament tal-UE? Kif se tindirizza l-ħtieġa persistenti għas-simplifikazzjoni tal-programm? Se tappoġġja żieda sostanzjali għall-baġit ta' Orizzont Ewropa u tal-programm suċċessur tiegħu? Kif se tipproteġi b'mod ġenerali l-baġit tal-UE ddedikat għall-politiki tar-Riċerka u l-Innovazzjoni? Kif tippjana li żżid l-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-programm u tagħti spinta lis-sħubijiet pubbliċi-privati?*

Għal 40 sena, il-programmi qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, kif inkorporati fit-Trattati, kienu strumentali għall-progress tal-UE fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni. Il-programm qafas jindirizza l-isfidi dinjin, fosthom il-klima u s-saħħa, u jagħti spinta lill-kompetittività tal-UE permezz ta' riċerka u innovazzjoni rivoluzzjonarji.

Jekk jingħataw spinta, l-eċċellenza xjentifika, il-kollaborazzjoni transfruntiera, l-innovazzjoni, u l-ekosistema dinamika tagħna ta' riċerkaturi, innovaturi u industriji jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-bażi xjentifika u teknoloġika tal-Ewropa. Approċċ ibbilanċjat fil-kooperazzjoni internazzjonali huwa, u jrid jibqa', parti fundamentali mill-politika tagħna, peress li jgħaqqad l-ekosistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni biex jindirizza l-isfidi dinjin u peress li l-oġġettivi tiegħu huma r-reċiproċità, il-kundizzjonijiet ekwi fil-livell dinji, u l-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika tal-Ewropa.

Il-valur miżjud tal-finanzjament tal-UE jinsab fil-kapaċità tiegħu li jippermetti kooperazzjoni fuq skala kbira u joħloq opportunitajiet li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu individwalment. Dan jisfrutta s-saħħa kollettiva tal-Istati Membri tagħna, filwaqt li jrawwem kollaborazzjoni bejn il-fruntieri u s-setturi. Il-finanzjament tal-UE jista' jgħin biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq, b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji fixkiela ta' riskju għoli, inaqas id-duplikazzjonijiet, u jistabbilixxi standards unifikati. Barra minn hekk, jiffaċilita l-aċċess għall-infrastruttura u jtejjeb il-mobbiltà. Ir-riżultati ta' Orizzont 2020 jixhdu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjetali tal-finanzjament tal-UE: kull euro investit huwa mistenni li jiġġenera bejn 5 u 11-il euro f'benefiċċji sal-2040.

Fiż-żmien li ġej se jkollna nfasslu l-qafas finanzjarju pluriennali futur u l-istrumenti tiegħu. F'kooperazzjoni mal-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika, jeħtieġ li l-ewwel nibdew nirriflettu fuq "dak li rridu niffinanzjaw" imbagħad fuq "kif" nistgħu nilħqu l-oġġettivi tagħna u nimmassimizzaw ir-riżultati fil-prattika, filwaqt li nibbażaw fuq it-tagħlimiet meħuda bis-saħħa ta' Horizon Europe. Il-programm qafas 10, programm qafas ġdid u msaħħa, se jibbenifika mir-riżultati tal-evalwazzjonijiet reċenti, fosthom ir-rapport tal-grupp ta' livell għoli bit-titolu "Align, act, accelerate", u mir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' Draghi. Jekk nikseb il-fiduċja tagħkom, irrid niżgura aċċess aktar sempliċi u aktar malajr għall-finanzjament tal-UE għar-riċerka, finanzjament li jħalli aktar impatt u allinjament mal-prijoritajiet ta' politika tal-UE, u inqas piż tar-rappurtar għall-promoturi ta' proġetti. Regoli aktar sempliċi u aktar ċari se jkabbraw l-impatt u se jattiraw aktar parteċipanti ġodda minn orizzonti u daqsijiet aktar diversi, inkluż l-SMEs, in-negozji ġodda, u n-negozji li qed jespandu. Irridu nsaħħu l-użu tal-għodod diġitali, fosthom l-IA, biex ninfirmaw u nappoġġaw aħjar lill-parteċipanti u nżidu l-użu ta' forom ta' finanzjament simplifikati bħal somom f'daqqa u kostijiet unitarji tal-personal. Se nagħmel ħilti wkoll biex innaqqas il-piż amministrattiv, fosthom ir-rekwiżiti ta' rapportar żejda.

Kif propost mill-President elett fil-Linji Gwida Politiċi tagħha, jiena naqbel perfettament li r-riċerka u l-innovazzjoni, ix-xjenza u t-teknoloġija jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-ekonomija tagħna, b'żieda fl-infiq fir-riċerka biex niffukaw aktar fuq il-prijoritajiet strateġiċi, fuq ir-riċerka fundamentali rivoluzzjonarja u l-innovazzjoni fixkiela, u fuq l-eċċellenza xjentifika fil-Programm Qafas li jmiss. Nimpenja ruħi li naħdem favur politika ta' riċerka u innovazzjoni li tixpruna l-kompetittività tal-Ewropa. Ir-rapport ta' Draghi għamel rakkomandazzjonijiet importanti ħafna f'dan ir-rigward u jenfasizza bil-qawwa l-importanza tal-investimenti tal-lum il-ġurnata għall-kompetittività tagħna fuq terminu medju u twil. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mar-reġjuni, se naħdem ukoll biex insaħħaħ is-sistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni kif ukoll il-finanzjament tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu f'dawn l-Istati Membri u r-reġjuni.

L-ilħuq tal-mira tagħna ta' investiment ta' 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp hija responsabbiltà kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri. Se nappoġġa koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-investimenti tal-UE u dawk nazzjonali u reġjonali ħalli jiġi massimizzat l-impatt biex tinkiseb Unjoni Ewropea u awtentika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u minn InvestEU, se nużaw is-setgħa tal-baġit tagħna biex nimmobilizzaw l-investiment privat u nnaqqsu r-riskju marbut miegħu, biex nilħqu l-għanijiet komuni tagħna.

Fl-aħħar nett, jekk niġi kkonfermata, se naħdem biex inżid il-parteċipazzjoni tal-SMEs u nagħti spinta lis-šhubijiet pubbliċi-privati. L-SMEs jaqdu rwol fundamentali fit-tkabbir u l-innovazzjoni. L-Att Ewropew għall-Innovazzjoni l-ġdid se jrawwem ambjent favorevoli għall-innovazzjoni u għall-SMEs, jelimina l-ostakli legali, u jallinja l-kundizzjonijiet regolatorji fl-Istati Membri kollha. Se nisimplifika l-aċċess għall-kumpaniji fi stadju bikri u se nattira parteċipanti ġodda permezz tas-simplifikazzjoni u ta' appoġġ imfassal apposta, filwaqt li nintegrahom fin-networks tan-negozju u nsaħħaħ il-kapaċitajiet teknoloġiċi tagħhom. Se nkompli nesplora l-potenzjal tas-Šhubijiet Ewropej, fosthom l-Impriżi Konġunti, għall-mobilizzazzjoni ta' investimenti pubbliċi u privati. L-approċċ tiegħi se jirrifletti l-prijoritajiet li qed jevolvu u se jippromwovi sinerġiji ma' strumenti u programmi ta' finanzjament oħra, bħal proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni u fondi ta' koeżjoni.

L-appoġġ tal-Parlament Ewropew għal dawn il-kompiti kollha huwa fundamentali u jien biħsiebni naħdem mill-qrib magħkom.

*6. X'miżuri konkreti tqis li huma neċessarji għall-istrateġija fit-tul li tingħata spinta lill-Infrastruttura tar-Riċerka Ewropea, inklużi l-infrastrutturi tat-teknoloġija? Kif tarah ir-rwol tal-ekosistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni? Kif tippjana li tindirizza l-qasma bejn l-innovazzjoni u r-riċerka fl-UE? X'azzjonijiet ta' espansjoni tippredvi f'dak ir-rigward? Kif se tindirizza l-isfidi attwali fl-oqsma STEM, inkluża parteċipazzjoni baxxa min-naħa tan-nisa? Kif tippjana li tippromwovi l-libertà tar-riċerka u dik akkademika? Kif se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida?*

Jekk niġi kkonfermata, se nippreżenta Strateġija Ewropea dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka biex niżgura li r-riċerkaturi u l-innovaturi Ewropej ikollhom aċċess għal faċilitajiet u servizzi li huma fost l-aqwa fid-dinja u jaġhmlu użu sħiħ minnhom, b'enfasi fuq l-industrija, l-SMEs u n-negozji ġodda.

Ekosistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni b'saħħithom u konnessi huma fundamentali għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u reżiljenti. Fl-UE, dawn l-ekosistemi jinbnew abbażi tar-riċerka soda tagħna, tant li fid-dinja ninsabu fit-tieni post meta niġu għall-kontribuzzjonijiet xjentifiċi. Madankollu, ekonomiji avvanzati oħra qabżuna f'xi oqsma. Dan huwa parzjalment dovut għall-frammentazzjoni tal-ekosistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni tagħna, li twassal għal differenzi sinifikanti fil-prestazzjoni bejn il-pajjiżi u r-reġjuni. Jekk niġi kkonfermata, se nsaħħaħ l-ekosistema Ewropea għall-innovazzjoni permezz ta' finanzjament u għodod regolatorji li jappoġġaw l-innovaturi fixkiela, in-negozji ġodda, u n-negozji li qed jespandu. F'dan ir-rigward, se jkun kruċjali li nibbaża fuq l-azzjonijiet tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni, tal-istrateġija tal-UE għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu u tal-Att Ewropew għall-Innovazzjoni.

Jekk niġi kkonfermata, bilfors se jkollu jiġi indirizzat id-distakk fir-riċerka u l-innovazzjoni jekk irridu nimmassimizzaw il-potenzjal tal-Ewropa, irrispettivament mill-oriġini tiegħu. L-azzjonijiet ta' twessigħ diġà qed iħallu l-frott f'dan ir-rigward, b'żieda fir-rati ta' suċċess għall-benefiċjarji minn pajjiżi tat-twessigħ f'Orizzont Ewropa meta mqabbla ma' Orizzont 2020. L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija jikkontribwixxi għall-indirizzar tad-distakk fl-innovazzjoni fl-UE, b'mod partikolari permezz tal-approċċ tiegħu bbażat fuq il-post bħala l-akbar ekosistema tal-innovazzjoni fl-Ewropa bi preżenza fiżika fl-Istati Membri tal-UE u lil hinn minnhom, u tal-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija. Se nqis sew il-fehmiet tal-Parlament Ewropew dwar l-indirizzar tad-distakk fir-riċerka u l-innovazzjoni u se nikkonsulta kif xieraq mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati.

Ħafna pajjiżi Ewropej qed jiffaċċjaw nuqqas sinifikanti ta' gradwati fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika (oqsma STEM), filwaqt li d-domanda għal dawn il-professjonisti qed tiżdied fl-industrija kollha. Dan in-nuqqas huwa theddida serja għall-kompetittività tal-Ewropa fis-setturi strateġiċi bħall-enerġija rinnovabbli u l-manifattura avvanzata. Jekk niġi kkonfermata, se nappoġġa lill-istudenti li jiggradwaw mill-programmi STEM biex jiksbu aktar esperjenza Prattika fir-riċerka, fis-soluzzjoni tal-problemi, u fl-applikazzjonijiet fid-dinja reali. Dan se jgħin biex jonqos id-distakk bejn l-għarfien akkademiku u l-ħtiġijiet tal-industrija, u se jiffaċilita t-tranżizzjoni tal-gradwati fil-forza tax-xogħol. Se nappoġġa bil-qawwa l-inizjattivi biex jiżdied is-sehem tan-nisa li jiggradwaw fl-oqsma STEM bħala parti mill-pjan ta' azzjoni tiegħi dwar in-nisa fir-riċerka, l-innovazzjoni u n-negozji ġodda/negozji li qed jespandu.

Nimpenja ruħi bis-sħiħ li nkompli nħares il-libertà tar-riċerka xjentifika. Dan huwa kruċjali għal-libertà akkademika, kif spjegat fl-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Jien nappoġġa r-riżoluzzjoni f'waqtha tal-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika ta' Jannar 2024, li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta proposta biex tippoteġi u tippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika, u nimpenja ruħi li nindirizzaha bħala parti mill-Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Il-bażi se tkun, fost l-oħrajn, il-ħidma tal-Parlament Ewropew.

F'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, jekk niġi kkonfermata, se nappoġġa lill-Kummissarju għall-Ambjent u għar-Reżiljenza tal-Ilma u għal Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva fl-isforzi tagħha biex tkompli tiżviluppa l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Se nipromwovi l-kontribut tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħha, mir-riċerka fundamentali għall-ittejtjar u d-dimostrazzjoni. Ir-R&I tista' tappoġġa l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fir-rigward tar-rivitalizzazzjoni tal-viċinati tal-Ewropa permezz ta' tfassil innovattiv, inklużiv u sostenibbli.

*7. X'inhil-viżjoni tiegħek għal negozju ġdid u strateġija ta' espansjoni fl-UE u x'miżuri se tippromwovi biex tistimola l-iżvilupp tagħhom? X'inizjattivi se tiegħu biex tespandi l-innovazzjoni fl-UE? Kif tippjana li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-politiki tar-riċerka, tal-innovazzjoni, dawk industrijali u dawk ta' koeżjoni? X'miżuri konkreti taħseb li għandhom jiġu inklużi fl-Att dwar il-Materjali Avvanzati?*

Il-viżjoni ġenerali tiegħi għall-istrateġija tal-UE għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu hija li nrawwem ambjent li jiffavorixxi l-innovazzjoni li bis-saħħa tiegħu il-kumpaniji innovattivi Ewropej jikbru u jespandu aktar faċilment u aktar malajr fis-suq uniku.

L-isfidi ewlenin għall-iżvilupp tal-ekosistema Ewropea tan-negozji ġodda tagħna huma d-diffikultajiet fl-aċċess għall-kapital, u l-frammentazzjoni tas-suq u dik regolatorja, li toħloq ostakli amministrattivi. Dan iwassal għal eżodu tat-talenti u biex il-kumpanija l-aktar li jiksbu suċċess jiddeċiedu li jitolqu mill-UE. Irridu nippermettu lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu tal-Ewropa jikbru, jirnexxu fl-Ewropa, u jikkompetu fil-livell dinji.

Waħda mill-aktar sfidi kritiċi għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu fl-Ewropa hija l-iżgurar tal-aċċess għall-kapital, speċjalment għall-impriżi fixkiela u ta' riskju għoli. L-istrateġija tkun tinkludi miżuri biex jiġi estiż l-aċċess għall-kapital ta' riskju u biex jitejjeb il-finanzjament permezz tal-espansjoni tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. Se naħdem mal-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt inkarigat mill-iżvilupp tat-28 reġim biex ngħinu lill-kumpaniji innovattivi jikbru u jibbenefikaw minn sett ta' regoli aktar sempliċi u armonizzati fl-Unjoni kollha. Se nikkollabora wkoll mal-Kummissarju għas-Servizzi Finanzjarji u għall-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti biex intejbu l-aċċess għal diversi sorsi ta' finanzjament billi niżviluppaw Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti li tinkludi l-Unjoni tas-Swieq Kapitali kif ukoll l-Unjoni Bankarja.

Sabiex tgħin lin-negozji ġodda jespandu, l-istrateġija għandha tkun tinkludi wkoll azzjonijiet biex jitejjeb l-aċċess għas-swieq. Ir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku, li tħabbret fil-Linji Gwida Politiċi, se jkollha b'mod partikolari l-għan li timmodernizza u tissimplifika r-regoli tagħna dwar l-akkwist pubbliku, speċjalment fid-dawl tan-negozji ġodda u l-innovaturi tal-UE.

Ekosistemi b'saħħithom huma essenzjali biex in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu jirnexxu. L-istrateġija tappoġġa azzjonijiet li jrawmu l-kollaborazzjoni fost l-universitajiet, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-industrija, u n-negozji ġodda. In-negozji ġodda jeħtieġu wkoll infrastruttura teknoloġika, inkluż dik diġitali, biex ikunu innovattivi u biex jikbru, li għandha tiġi indirizzata wkoll.

Fl-aħħar nett, se jiġu ppreżentati azzjonijiet konkreti biex jattiraw u jżommu t-talenti, li se jibbażaw fuq inizjattivi eżistenti filwaqt li jidentifikaw u jnaqqsu d-diskrepanzi possibbli fil-ħiliet, u jindirizzaw id-differenza bejn il-ġeneri fis-sistema tar-R&I u tan-negozji ġodda/li qed jespandu.



Huwa ċar li l-istrateġija se tkun teħtieġ tirrifletti approċċ ta' "gvern sħiħ" u kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, filwaqt li tidentifika l-istrumenti, fl-oqsma kollha ta' politika, li jistgħu jwasslu biex in-negozji għodda u n-negozji li qed jespandu tal-UE jiksbu aktar suċċess. Il-prijoritajiet stabbiliti fl-istrateġija se jiġu indirizzati u se jinbidlu f'miżuri konkreti, fosthom proposti leġiżlattivi, permezz tal-Att Ewropew għall-Innovazzjoni l-għdid, taħt it-tmexxija tiegħi, jekk niġi kkonfermata.

Il-ħidma b'rabta mal-istrateġija tal-UE għan-negozji għodda u n-negozji li qed jespandu għandha tibda b'analiżi komprensiva bbażata fuq ir-rapport ta' Draghi. Jekk niġi kkonfermata, se nniedi sejħa għal evidenza u konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati.

F'dan il-proċess, jien impenjata bis-sħiħ li ninvolvi ruħi mal-Parlament Ewropew u li nwettaq konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati mill-ekosistema tagħna tar-R&I.

It-tisħiħ tar-rabtiet bejn il-politiki ta' riċerka, ta' innovazzjoni, industrijali u ta' koeżjoni huwa fundamentali għal approċċ koerenti li jpoġġi lir-R&I fil-qalba tal-ekonomija tagħna. Se niżgura li l-portafoll tiegħi jkun jaħdem f'sinkronija mal-politika industrijali u ta' koeżjoni tal-UE u se ninvolvi ruħi b'mod sinifikanti mal-kulleġġ tal-Kummissarji. F'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, se nikkontribwixxi għal inizjattivi bħall-Patt għal Industrija Nadifa u l-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali, sabiex tinkiseb dimensjoni essenzjali tar-riċerka u l-innovazzjoni. Fir-rigward tas-sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament tal-UE, jien se niffoka, flimkien mal-Kummissarji l-oħra, fuq l-armonizzazzjoni tar-regoli, l-evitar tad-duplikazzjoni, u l-massimizzazzjoni tal-impatt tal-investimenti fir-riċerka u fl-innovazzjoni tal-Istati Membri. Fl-ambitu tal-baġit attwali se nenfasizza li għandu jiġi żgurati li r-riżultati tar-riċerka ffinanzjati mill-Programmi Qafas tagħna jintużaw u jiżiedu permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond għall-Innovazzjoni, InvestEU, u l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform), li timmobilizza finanzjament fi 11-il programm tal-UE għall-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji strateġiċi.

Il-materjali avvanzati huma kruċjali biex tirnexxi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Jekk niġi kkonfermata, permezz tal-Att dwar il-Materjali Avvanzati, se nimmira li nistabbilixxi qafas li jtejjeb l-aċċess għall-materjali avvanzati fl-Ewropa u tal-produzzjoni tagħhom. L-Att se jallinja l-isforzi tar-riċerka, tal-industrija u tal-investiment biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet teknoloġiċi tagħna, filwaqt li jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi. Billi naħdem mar-riċerka u l-industrija, u mal-bqija tal-kulleġġ tal-Kummissarji, se nidentifika lakuni kif ukoll ħtiġijiet ta' prijarità għall-materjali avvanzati, speċjalment għat-teknoloġiji nodfa u għall-ekonomija ċirkolari. L-Att se jipromwovi l-investimenti privati, l-akkwist pubbliku, u proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni, u se jiżviluppa infrastruttura diġitali kruċjali.

#### Mistoqsija mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

*8. Kif taraha l-interazzjoni bejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja u iż-Żona Ewropea tar-Riċerka? Fl-opinjoni tiegħek, liema huma s-sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament f'dawn l-oqsma differenti u l-appoġġ tal-UE lill-ġenerazzjoni li jmiss ta' riċerkaturi, filwaqt li tqis il-kooperazzjoni bejn l-entitajiet tas-settur akkademiku, privat u pubbliku u l-progress tal-inizjattiva tal-"Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej"? B'rabta ma' dan t'hawn fuq, kif biħsiebek tagħmel iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja aktar aċċessibbli u inklużiva għal kulħadd, filwaqt li ttejjeb l-kollaborazzjoni u l-iskambju bejn l-Universitajiet globalment?*

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja huma atturi fundamentali fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa kif ukoll parti fundamentali taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Artikolazzjoni effettiva taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja, u taż-Żona Ewropea tar-Riċerka sservi bħala l-bażi għall-ambizzjoni tal-Ewropa li tmexxi l-ekonomija dinjija li hija kompetittiva ħafna u bbażata fuq l-għarfien. Jien impenjata li noħloq aktar sinerġiji bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u li nikkontribwixxi għall-implimentazzjoni simultanja tal-politiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem biex jintlaħaq dan l-objettiv f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza.

Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni toħloq qafas fejn l-edukazzjoni ta' kwalità hija aċċessibbli għal kulħadd, b'hekk tappoġġa l-apprendiment tul il-ħajja, il-mobbiltà bla xkiel u l-kooperazzjoni tranżnazzjonali. Din tibbaża fuq il-proċess intergovernattiv akbar ta' Bolonja, filwaqt li trawwem aktar koerenza fl-edukazzjoni għolja Ewropea. Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka qed tiffaċilita ambjent bla xkiel għall-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Kemm iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni kif ukoll iż-Żona Ewropea tar-Riċerka jrawmu aktar kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet akkademiċi u s-sħab mhux akkademiċi bħall-industrija u l-gvernijiet. L-għan kondiviż tagħhom huwa li jeliminaw l-ostakli kemm għall-ħolqien u ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien fl-UE kif ukoll għaċ-ċirkolazzjoni libera tat-talent, u li jippermettu lin-nies jiċċaqilqu faċilment bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u r-riċerka u s-settur mhux akkademiku. Jekk niġi kkonfermata, flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza se nikkontribwixxi għall-ħolqien ta' spazju verament Ewropew fejn l-għarfien, il-ħiliet u t-talenti jistgħu jiċċirkolaw liberament biex dak li jkun jistudja jew jaħdem fi Stat Membru ieħor. Kieku nkompli wkoll bl-isforzi biex jinbnew pontijiet bejn is-settur tad-dinja akkademika, tan-negozju u tal-gvern billi niffoka fuq il-ħolqien ta' ambjenti interkonnessi li jippromwovu l-innovazzjoni, il-progress u l-opportunitajiet għal kulħadd.

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom pożizzjoni unika bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Huwa kruċjali li l-universitajiet madwar l-Ewropa jaħdmu aktar mill-qrib kif ukoll jaħdmu mas-setturi privati u pubbliċi. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali hija fundamentali biex il-ġenerazzjoni attwali u l-ġenerazzjonijiet futuri ta' riċerkaturi jkollhom il-kompetenzi u l-ħiliet li s-soċjetajiet Ewropej jeħtieġu ħalli jirnexxu f'dinja dejjem aktar interkonnessa — pereżempju permezz ta' lawrji Ewropej f'setturi speċjalizzati. Il-lawrja Ewropea se tiffaċilita l-għbir tar-riżorsi u tal-għarfien espert, filwaqt li toffri lill-istudenti aċċess għal ħiliet u għarfien tal-ogħla livell li huma fundamentali fis-setturi emerġenti bħat-teknoloġiji ekoloġiċi u l-industriji diġitali. Il-maġġoranza tal-universitajiet fl-Ewropa għandhom l-għan li jgħbru l-għarfien espert u li jgħaqqdu l-forzi komplementari li ma huma disponibbli fl-ebda istituzzjoni, sabiex jgħammru lill-gradwati u lill-istudenti tul il-ħajja b'ħiliet strateġiċi għall-futur tagħhom. Dan kien wieħed mill-fatturi ewlenin li wasslu għall-ħolqien tal-64 alleanza tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija mal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u mal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija.

L-inizjattivi tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija bħall-Inizjattiva tat-Talenti fit-Teknoloġija Profonda jew l-Akkademji għall-ħiliet jipprovdu ħiliet speċifiċi għas-settur li huma verament meħtieġa għas-setturi industrijali kritiċi (l-Akkademja Ewropea tal-Batteriji, l-Akkademja Solari Ewropea, l-Akkademja tal-Materja Prima, l-Akkademja tal-Materjali Avanzati, u l-Akkademja tal-Enerġija Eolika).

L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie juru kif is-sinerġiji fl-edukazzjoni għolja u r-riċerka jappoġġaw l-iżvilupp tat-taħriġ, tal-ħiliet, u tal-karriera, u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, b'hekk jippermettu riċerka u innovazzjoni eċċellenti li jħallu impatt kbir. Flimkien ma' Erasmus+, dawn jaħdmu biex jipprovdu appoġġ vitali lill-ġenerazzjoni li jmiss ta' riċerkaturi, filwaqt li jippromwovu l-kooperazzjoni intersettorjali bejn l-atturi akkademiċi u mhux akkademiċi. L-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tax-xjenzi nisa f'dawn l-azzjonijiet se jingħata attenzjoni partikolari fil-pjan tiegħi li nappoġġa lin-nisa fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fin-negozji ġodda/li qed jespandu.

L-inklużività u l-aċċessibbiltà jibqgħu prijorità ewlenija għas-setturi tar-riċerka u tal-edukazzjoni għolja tagħna. Irrid inkompli nappoġġa dawn l-għanijiet, fosthom billi nappoġġa l-ħidma biex jissaħħu l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej li jinvolvu universitajiet minn kull parti tal-Ewropa, anke minn żoni rurali u reġjuni ultraperiferiċi. L-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej għandhom ukoll aktar minn 30 università mill-Ukrajna assoċjati magħhom. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem biex insaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-universitajiet madwar id-dinja, filwaqt li nrawwem attivitajiet konġunti ta' edukazzjoni u riċerka. Permezz tal-bini ta' sħubijiet globali b'saħħithom, l-Ewropa tista' ssaħħaħ l-influenza dinjija tagħha u tattira u żżomm l-aħjar talent. Dan huwa fundamentali biex ikollna Ewropa aktar prospera.